Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 4 ta' Frar 2025**
**(OR. en)**

**5390/25**

**SOC 15**
**EMPL 12**
**EDUC 9**

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali Cedefop) għas-Slovakkja |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**ta' …**

**li taħtar membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija**
**taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop)**
**għas-Slovakkja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-listi ta' kandidati ppreżentati lill-Kunsill mill-Gvernijiet tal-Istati Membri u mill-organizzazzjonijiet tal-impjegati u tal-impjegaturi,

[1] ĠU L 30, 31.1.2019, p. 90, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/128/oj.

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tat-28 ta' Marzu 2023[2], il-Kunsill ħatar membri u membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għall-perjodu mill-1 ta’ April 2023 sal-31 ta’ Marzu 2027.

(2) Il-Gvern tas-Slovakkja ppreżenta nomina għal post vakanti wieħed li għandu jimtela,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Marzu 2023 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) (ĠU C 116, 31.3.2023, p. 15).

*Artikolu 1*

Il-persuna li ġejja hija maħtura membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għall-perjodu li jispiċċa fil-31 ta’ Marzu 2027:

I. RAPPREŻENTANTI TAL-GVERN

| Stat Membru | Membru supplenti |
|---|---|
| Is-Slovakkja | Is-Sur Karol JAKUBÍK |

*Artikolu 2*

Il-Kunsill għandu jaħtar lill-membri u l-membri supplenti li għadhom ma ġewx innominati f'data aktar tard.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

*Għall-Kunsill*

*Il-President*